# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1392/2022**

**Rikorrent: Raymond Fenech detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 23960M, iben il-mejtin Carmela née Fenech Salvatore Fenech, imwieled il-Gzira u residenti ġewwa 77, Bastion Views, The Strand, Tas Sliema.**

**kontra**

**Intimati: Charmaine Zammit detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0456967M imwielda Attard, u residenti ġewwa 29, Crystal Cove, Flat 2, Sir Adrian Dingli Street, Tas Sliema, bint Joseph Louis Debono u Margaret Rose nee Cassar**

**U**

**Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Silvio Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 454164M imwieled Pieta, u residenti ġewwa 29, Crystal Cove, Flat 2, Sir Adrian Dingli Street, Tas-Sliema, iben Joseph Zammit u Josephine nee Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Raymond Fenech(ir-rikorrent) tat-18 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' Charmaine Zammit (l-intimata) tas-26 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet kamerali.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrent qiegħed ifittex li jżomm lill-intimata milli titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu onoruż jew gratwitu kull propjeta' u b'mod partikolari il-fondi 55, 56 u 57 lkoll ġewwa Triq San Franġisk, Tas-Sliema, Malta. Dan qiegħed jagħmlu biex jikkawtela lilu nnifsu fis-somma indikata fir-rikors b'konsegwenza ta' diversi kuntratti (ara dawk a' fol 19 u fol 28).

Fir-risposta tagħha, l-intimata ma tikkontestax l-ammont imma pjuttost tagħmel emfażi li r-rikorrent għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-proċedura taħt artikolu 256(2) tal-Kap12 tal-liġijiet ta' Malta li tipprovdi għal titolu esekuttiv għalhekk ma kellux għalfejn jirrikorri għall-proċedura odjerna.

Il-Qorti tirrileva, li ma hux kompitu tagħha għal fini ta' dawn il-proċeduri, tiddeċiedi x'rimedji għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rikorrent biex jikkonsegwi t-titolu tiegħu. Il-proċedura taħt artikolu 253(2) ma teskludiex li l-kreditur milli jimxi mod ieħor, għalkemm dan huwa jrid jaraħ. Jekk din il-Qorti tilqa' t-talba, sta għar-rikorrent li jipproċedi kif titlob il-liġi u semmai huwa f'dawk il-proċeduri li għandhom jitqanqlu argumenti bħal dawk li qed tagħmel l-intimata. Din hija biss proċedura kawtelatorja li ssir fuq ir-responsabbilta' ta' min jagħmilha.

Fl-aħħar nett din il-Qorti tirrileva li l-mandat li qed jintalab huwa dak taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u dan kif anke jirriżulta mill-formula magħżula mir-rikorrent.

“Ir-rikors tal-lum tressaq bħala talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni “normali” (Formola 21) u mhux dik l-għamla ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni li jissemma fil-Formola 2, liema Mandat jitlob li jitħarsu ċerti kondizzjonijiet u l-għoti ta’ ċertu tagħrif speċifikat. Ta’ min jgħid li mhux kull talba li ssir għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni li żżomm lill-persuna intimata milli tittrasferixxi, tgħabbi jew tbigħ jew teħles minn xi ġid immobbli għandha tabilfors titressaq taħt l-artikolu 874 tal-Kodiċi. Ir-rikors tal-lum jirrigwarda wieħed mis-suriet tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, li l-liġi ma titlobx dwaru li r-rikorrent isemmi l-ammont tal-kreditu dovut, imma biss il-jedd li bis-saħħa tiegħu jitlob il-ħruġ tal-istess Mandat;” (Ara **digriet ta' l-10 ta' Marzu, 2010 Mandat Numru. 296/2010/1 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 296/10 fl-ismijiet: Raymond Gauci u Josephine Gauci -vs- George Briffa u Rita Briffa** ).

Aktar minn hekk il-Qorti tfakkar li sabiex talbiet taħt dan l-artikolu jintlaqgħu, kull ma jeħtieġ li jirriżulta huwa, li hemm kreditur u li l-pretensjoni tkun teċċedi l-ammont imsemmi f’artikolu 874(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta (Ara **digriet fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 61/2015 JZM fl-ismijiet: Munqar Limited -vs- Carmen Farruġia**). Dan ifisser, li l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti, kuntrarjament għal meta t-talba issir taħt artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta, huwa wieħed formalistiku għall-aħħar.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqies li t-talbiet tar-rikorrent jistħoqqilhom ikunu milqugħa pero’, limitatament għal-postijiet indikati u mhux kull propjeta’

apparti l-imsemmija postijiet, kif bħal donnu jrid ir-rikorrent. Il-Qorti ma tħoss li għandu mis-sewwa, li jintlaqgħu talbiet ġeneriċi bħal dawn.

Fl-aħħar nett il-Qorti ma tħoss li hemm il-ħtieġa li jinħatru kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Silvio Zammit, peress li kif jirriżulta mill-atti, l-intimata hija l-eredi tiegħu u dan kif anke kkonfermat bil-ġurament l-istess intimata, apparti l-esebizzjoni tat-testment unica charta mad-defunt żewġha Silvio Zammit.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda tilqa' it-talbiet tar-rikorrent definittivament limitatament fir-rigward ta' Charmaine Zammit u limitatament għall-postijiet 55, 56 u 57 fi Triq San Franġisk Tas-Sliema Malta u konsegwentement tikkonferma id-digriet provviżorju tagħha limitatament għall-postijiet imsemmija u tirevokaħ inkwantu jirrigwarda t-talba fir-rigward ta' kull propjeta' oħra apparti dawn il-postijiet.

Kwantu għall-kuraturi deputati l-Qorti qed tastjeni li tipprovdi fil-konfront tagħhom.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri għall-intimat.

**Illum 3, ta' Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**